# 72. Ħu San Franġisk **

Par widnejn donnhom żewġ boroż
imdendlin waranijiet,
fuq wiċċ ċatt fit-tarf imżerżaq
par għajnejn donnhom żibġiet,
dak geddumu bħal marżebba,
għandu għajta ta' xitan,
il-għors tiegħu jgħum fil-ħama
jew jitkaxkar mal-ħitan,

Il-Ħanżir... - ... nistħajlu bhima
milli għexu fil-ħolqien
qabel l-Arka baħħret fl-ilma,
qabel f'Eden kien hemm ġnien,
meta d-dinja kienet firxa
ta' silġ aħmar daqs id-demm,
meta l-ħut kien jaf jittajjar,
meta s-serp ma kellux semm.

Il-Ħanżir, bhima qadima,
ġewwa l-ġnien bil-ward ifuħ
ra lit-trab tal-art jistejqer,
isir ġisem, jieħu r-ruħ,
isir Adam, isir Eva,
daqs id-dija bajdanin
sema' l-bews tal-ewwel laqgħa
taħt is-siġar imwerqin.

Il-Ħanżir hemm min imaqdru,
iżda jien nilqa' għalih;
San Franġisk sejjaħlu ħuna
għaliex sawru l-istess Driegħ
illi sawwar ġisem Eva,
illi lewwen it-tuffieħ,
mill-għadira tella' l-ġilju,
ħeba' l-ħmura fid-dulliegħ.

Għax maħmuġ – in-nies jgħidulek,
iżda staqsi 'l da' t-talin
jekk marrux ġo xi kerrejja
qalb it-toroq mudlamin;
Għax żaqqieq – oħrajn jaqbżulek,
iżda ftakru fil-fatriet
tar-Rumani qatt xebgħana
ġewwa l-vilel fix-xtajtiet.

Għax żennej – oħrajn jgħidulek, –
għaliex jisħon daqs xitan, –
ħdejn il-bniedem huwa anġlu,
safi u abjad daqs susann!
Għaliex kiefer – mhux daqs tfajjel
illi jaqbad il-bejtiet,
għall-irġiel... biex tkun taf sewwa
ħu f'idejk ktieb il-ġrajjiet!

Għaliex rgħib u minn maż-żinġla
dlonk jimbotta biex hu biss
jaħtaf, jibla' ta' quddiemu,
u lil għajru xejn ma jmiss –
mela nsejtu! din hi ġrajja
ta' di' d-dinja kif iddur:
tal-art kollha l-ġid u l-għana
għand ftit nies jinsab miġbur!

San Franġisk kien raġel sewwa,
San Franġisk kien raġel kbir,
u m'għalitx meta sejjaħlu
ħuna ż-żgħir, ħuna l-ħanżir;
l-istess leħen mar sejjaħlu
minn ġot-tajn għal mal-ħajjin,
ta' sikwit it-tnejn nintefgħu
ġewwa l-ħama mnejn ġejjin.

*** meħuda mill-esej "A Brother of St. Francis" ta' Grace Rhys."*